MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 65/2003

**Louis u Carmen konjugi Galea**

**vs**

**Paul Said**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun kkundannat:**

**1. Jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni, liema danni ma jeccedux il-hamest elef Lira Maltin (Lm5,000.00,0) minnhom sofferti u kkagunati minnu**

**fil-fond "Mary House", Kola Xara Street, Rabat proprjeta' tal-atturi li hu adjacenti mal-fond fejn il-konvenut ghamel xogholijiet ta' thaffir u kostruzzjoni, u liema danni gew ikkagunati minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tal-kostruzzjoni da parti tal-konvenut skond kif iccertifika l-Perit Arkitett Mario Grech fl-hawn anness certifikat immarkat Dok LG1;**

**2. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u ta' l-ittra legali tat-3 ta' Ottubru, tas-sena 2002, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-25 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti billi d-danni, jekk hemm, huma ferm inferjuri ghal elf u hames mitt Lira Maltin (LM1,500.00,0);**

**2. Il-preskrizzjoni biennali a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap.16;**

**3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-eccipjenti mhux responsabbli ghal ebda danni billi x-xogholijiet minn naha tieghu saru kollha skond l-arti u s-sengha taht id-direzzjoni ta' perit arkitett;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhud prodott;**

**Ezaminat ir-relazzjoni peritali tal-perit arkitett espert nominat;**

**Semghet lir-rapprezentant legali ghar-rigward ta’ l-ewwel zewg eccezzjonijiet riferiti a fol 8, (ara fol 60 u 63);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi skond il-konkluzjoni tal-perit espert nominat minn din il-qorti jirrizulta li l-meritu tal-kawza odjerna hu kwantifikabbli fl-ammont ta’ elf u mitejn Lira Maltin (LM1,200.00,0);**

**Illi ai termini ta’ l-artikolu 47 (1) tal-Kap 12 u ghall-artikolu 27 ta’ l-Att VI tas-sena 2001 li gie fis-sehh fl-1 ta’ Lulju tas-sena 2001 permezz ta’ l-A.L. 150/01 il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati hi limitata ghall-ammont minn elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00,0) sa hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,);**

**Illi ghalhekk din il-qorti hi prekluza milli takkolji kwalunkwe pretensjoni li mhix kompriza f’dawn l-ammonti fuq indikati bhal ma jirrizulta li hu l-kaz fil-procedura odjerna;**

**Illi konsegwentement anke fil-kaz tat-tieni eccezzjoni, din il-qorti hi prekluza milli tintrometti ruhha;**

**Ghaldaqstant din il-qorti stante li l-vertenza in dizamina hi anqas minn dak legislattivament preskritt, m’hix kompetenti tipprocedi b’din il-procedura stante nuqqas ta’ gurisdizzjoni.**

**Marica Sammut**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------